MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI
## MAGISTRAT DR.
## CAROL PERALTA

Seduta tad-19 ta' Frar, 2014

Numru. 1197/2013

PULIZIJA
**SPETTUR KYLIE BORG**

**VS**

**BJORN GRIMA**

**Il-Qorti:**

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Bjorn Grima, detentur tal-Karta tal-identita` numru 344185 (M).

**Akkuzat talli:**

F'Purtirjal fil-Furjana, nhar it-30 ta` Novembru 2013 ghal habta tas-siegha u ghoxrin ta` wara nofsinhar (13:20hrs):

1. Bil-hsieb li jaghmel delitt ta` griehi gravi fuq il-persuna ta` Anthony McKay, wera da nil-hsieb b'atti esterni u ta bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta` tieghu;

2. Kellu fil-pussess tieghu d-droga kokaina specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-medicini perikoluzi Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta` Malta, meta ma kienx fil-pussess ta` awtorizzazjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skont id-dispozizzjonijiet tar-raba` (4) u s-sitt (6) Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta` Malta li jkollu d-droga msemmija u dan bi ksur tar-regoli tal-1939 dwar il-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentament emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta` Malta;

3. Hebb kontra Anthony McKay sabiex jingurja, idejjaq jew jaghmel hsara lil din il-persuna jew lil haddiehor;

4. Talli fil-waqt li kien qe jaghmel reat kontra s-sigurta` tal-persuna u cioe` Anthony McKay, kellu fuq il-persuna tieghu arma regolari jew munizzjon jew xi imitazzjoni ta` dawk l-oggetti;

5. U aktar talli garr 'il barra minn xi fond jew id-dintorni tieghu xi sikkina jew strument li jaqta` jew bil-ponta, ta` liema xorta jkun minghajr ma jkollu licenzja jew permess minghand il-Kummissarju;

6. Volontarjament kiser il-bon ordni u l-kwiet pubbliku;

7. U aktar talli kiser il-kundizzjonijiet tal-liberta provizorja impost mill-Qorti tal-Magistrati ippreseduta mill-Magistrat Dott. Audrey Demicoli, LL.D., u emendati mill-Magistrat Dott. Miriam Hayman, LL.D., f'dan li ma jikkommettix delitt iehor ta` natura volontarja waqt li jkun mehlux mill-arrest, fost kundizzjonijiet ohra kif ordnat li jaghmel mill-istess Qorti u dan bi ksur tal-Artikolu 579 (2) tal-Ligijiet ta` Malta. Il-Qorti hija mitluba li f'kaz ta` htija tirrevoka l-helsien mill-arrest tal-imsemmi Bjorn Grima u tordna l-arrest mill-gdid tal-imsemmi imputat kif ukoll tordna li s-somma ta` hames mitt ewro (€5,000) bhala garanzija personali li jghaddu favur il-Gvern ta` Malta kif stipulat fl-Artikolu 579 (2) (3) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta;

8. Finalment nakkuza lil Bjorn Grima talli huwa sar recidiv ai termini tal-artikoli 49 u 50 tal-Kodici Kriminali, b'diversi sentenzi, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Il-Qorti rat u ezaminat id-dokumenti esibiti;

Semghet ix-xhieda mressqa u l-provi prodotta;
Wara li hadet in konsiderazzjoni c-cirkostanzi kollha tal-kaz;

**Il-Qorti ikkunsidrat:**

Rigward l-ewwel imputazzjoni, l-Qorti, wara li hadet in konsiderazzjoni r-rinunzja tal-kwerelant Anthony McKay, tafferma li r-reat ta` attentat ta` griehi gravi ma jistax jissussisiti a tenur tal-artikolu 216 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta, stante li dan l-attentat gie kkancellat bil-mahfra tal-parte civile.

Rigward it-tieni imputazzjoni din tissussisti u dan wara li l-Qorti rat ix-xhieda prodotta u specjalment wara r-rapport peritali ta` Godwin Sammut.

Fir-rigward tat-tielet imputazzjoni il-Qorti tiddikjara process ezawrit stante r-rinunzja tal-parte civile.

Fir-rigward tar-raba` u l-hames imputazzjoni, dawn jirrizultaw mix-xhieda prodotta u ma jistawx jigu rinunzjati billi huma ta` natura pubblika.

Rigward is-sitta u s-seba` imputazzjoni jirrizultaw mill-provi prodotti.

**Ghal dawn il-motivi:**

Wara li rat l-Artikoli 41 (b), 216, 339 (1) (d), 338 (dd) u 579 (2) (3) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta, Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta` Malta, l-Artikoli 55 (a) u 6 tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta` Malta.

Wara li hadet in konsiderazzjoni tal-fatt li l-parte civile spjega l-incident illi kien wiehed demi ibis li jkkoncerna glieda dwar arlogg, u wara li hadet in konsiderazzjoni l-fatt li llum l-incident intesa mill-parte civile li huwa lest u ddikjara li jahfer lill-imputat kif ukoll li din il-Qorti hija tal-fehma li l-perjodu effettiv ta` prigunerija ma jkunx fl-ahjar interess tal-imputat;

Fuq ammissjoni, din il-Qorti qed issib lill-imputat hati u ghaldaqstant tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sentejn (2) mil-llum ai terminu tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta` Malta kif ukoll timmultah ghal elf ewro (€1,000) b’sena zmien ghal hlas.

Il-Qorti spjegat il-portata ta` din is-sentenza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------